Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.

Appell Nru: 360/2014

Il-Pulizja

Vs

Anthony Azzopardi

Jean Paul Azzopardi

Marko Azzopardi

Illum 19 ta' Novembru, 2015

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellanti, Anthony Azzopardi, detentur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 559948M, Jean Paul Azzopardi, detentur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 69689M u Marko Azzopardi, detentur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 302376M, quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Fl-24 ta' Marzu, 2014, u/jew fil-granet ta' qabel gewwa Il-Watja, Tal-Kallelija tas-Salib, l/o tar-Rabat, Malta:

1. Bla hsieb li jisirqu jew li jaghmlu hsara kontra l-Ligi izda biex jezercitaw jedd li jippretendu li ghandhom gieghlu b'awtorita' taghhom infushom ihallsu dejn jew jezegwixxu obbligazzjoni tkun li tkun jew fixklu lil xi hadd fil-pussess ta' hwejjigha jew b'xi mod iehor kontra l-ligi ndahlu fi hwejjeg haddiehor.

Il-Prosekuzzjoni talbet sabiex f'kaz ta' htija, minbarra milli taghti l-piena stabbilita' skond il-Ligi, tordna lill-imputati jhallsu l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skond l-Art. 533 tal-Kap 9(1) tal-Ligijiet ta' Malta u tapplika Art. 377(5) sabiex tassigura li l-persuna li batiet l-ispoll titqieghed ghal kollox fl-istat ta' qabel ma batitet l-ispoll.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, mghotija fis-16 ta' Settembru, 2014, fejn il-Qorti wara li rat l-artikolu 85(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imputati hatja tal-akkuzzi u kkundannathom multa ta' mitt ewro (€100) kull wiehed.

Inoltre ordnat li ai termini tal-artikolu 377(3) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-imputati ghandhom jirrilaxxjaw il-propjeta' mertu tal-kawza f'idejn il-kwerelanta u dan fi zmien tmienja u erbghin (48) siegha.

Il-Qorti astjeniet milli tiehu konjizzjoni tat-talba tal-Prosekuzzjoni maghmula ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta stante li ma gew nominati l-ebda esperti f'din il-kawza u tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talba tal-prosekuzzjoni mghmula ai termini tal-Artikolu 377(5) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta peress li mhijiex talba idonea f'dawn ic-cirkostanzi.

Rat ir-rikors tal-appell tal-istess Anthony Azzopardi, Jean Paul Azzopardi u Marko Azzopardi, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fil-25 ta' Settembru, 2014, fejn talab lil din il-Qorti tirrevoka s-sentenza appellata in kwantu sabithom hatja tal-akkuza, u konsegwentement tilliberhom minn kull imputazzjoni u piena minnha.
Rat l-atti u d-dokumenti kollha.
Rat il-fedina penali aggornata tal-appellanti esebita mill- prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant huma s-segwenti w cioe':-

1. Fl-ewwel lok, jinghad illi, fejn il-Qorti strahet fuq dak li xhed permezz tal-Affidavit tieghu PS1243 G. Polidano, dan biss irrepeta dak li kien hemm miktub fuq l-affidavit, u ghalhekk, rigwardanti din il-parti tax-xhieda tieghu, l-ewwel Qorti qatt ma kellha tistrieh, fuqha, peress li din hija biss xheda detto

del detto, u bhala tali mhix prova ammissibli. Illi l-imsemmija kwerela biss irriferiet ghall-Anthony Azzopardi, u z-setg esponenti l-ohra, u mhux bizzejjed li kollok kwerela li taqbad u tixhet dell fuq l-esponenti minghajr ma jgii konfermat xejn. Jirrizulta illi fil-fatt, il-pulizija investigat dak li ntqal fil-kwerela? Irrizultalha lill-Pulizija illi Anthony Azzopardi u z-zewg esponenti l-ohra kienu qeghdin fil-fatt jokkupaw il-partijiet illi ndikat bl-ahmar il-kwerelanta, fuq id-dokument CS2?

2. Fit-tieni lok, fil-parti fejn l-istess xhud jaghmel riferenza ghall kuntatt li ghamel ma' wiehed mill-imputati Anthony Azzopardi, li hija l-uniku ness li jista' jkun hemm, ma xi wiehed mill-esponenti, dan u cioe' Anthony Azzopardi jitkellem dwar il-mansab tal-Pluvieir, li mhux necessarjament hija l-istess porzjoni li dwarhom inhargu l-akkuzi. Illi inoltre, l-art illi fil-kwerela Camilla Scerri indikat bhala okkupata u cioe' il-partijiet bil-kulur ahmar fuq il-pjanta annessa u mmarkata Dok CS2, ma ngiebet l-ebda prova wahda illi, dak li stqarr Anthony Azzopardi ma PS1243, huwa dwar xi parti minn dik immarkata bl-ahmar.

3. Fit-tielet lok, u dan in vista tal-fatt, illi kif gia inghad, Camilla Scerri, qatt ma identifikat lill-istess esponenti bhala l-persuni illi waqqfuha dakinhar tal-24 ta' Marzu, 2014, allura ma ngiebet l-ebda prova illi kienu l-istess imputati illi ddisturbaw lill-kwerelanta, u lanqas ma gabet provi illi mill-partijiet ta' l-art tal-Kallelija tas-Salib, limiti tar-Rabat, kienu propju f'dawk il-partijiet li hemm indikati bl-ahmar fuq il-pjanta CS2, illi dakinhar tal-24 ta' Marzu, 2014, dawn it-tlett irgiel b'xi mod iddisturbaw, lill-isteskk kwerelanta. Illi inoltre, ix-xhieda tal-istess kwerelanta kellha tkun diretta lejn l-akkuzi kif dedotti. Qalet Camilla Scerri, kemm il-darba marret fuq is-sit qabel l-24 ta' Marzu, 2014, u li kull darba sabet lill-imputati u identifikathom? Qalet Camilla Scerri, illi nhar l-24 ta' Marzu, 2014, hija sabet lill-imputati u identifikathom, u li kienu qed jokkupaw il-partijiet mmarkati bl-ahmar fuq il-pjanta Dok CS2? Minn dan kollu ma gie ppruvat xejn.

4. Fir-raba' lok, il-kwerela saret minn Camilla Scerri, allura wiehed jassumi li l-vittma ta' dan ir-reat hija allegatament l-istess Camilla Scerri. L-akkuzi

migjuba kontra l-esponenti, huma fil-konfront ta' xi hadd b'mod generali, u li allegatament dawn indahlu fi hwejjeg haddiehor, minghajr l-ebda referenza lil minn allegatament fixklu fil-pussess, u fi hwejjeg ta' min allegatament indahlu nhar l-24 ta' Marzu, 2014, u/jew fil-granet ta' qabel gewwa il-Watija, Tal-Kalelija Tas-Salib, limiti tar-Rabat. Illi ghalhekk, l-akkuza ma taghmlu l-ebda referenzza ghall-istess Camilla Scerri, illi fil-konfront taghha allegatament sehh ir-reat li bih gew akkuzati l-esponenti, u ghalhekk, l-istess akkuza, u l-konsegwenzjali kundanna ma jregux.

Ikkunsidrat,

Illi l-lanjanza ewlenija imressqa mill-appellanti hija marbuta man-nuqqas ta' identifikazzjoni taghhom maghmula mill-kwerelanta quddiem l-Ewwel Qorti bhala l-persuni li kienu qed jokkupaw l-art mertu tal-kaz u li allura ikkomettew l-att spoljattiv tar-reat li dwaru huma jinsabu akkuzati. Dan ghaliex jishqu illi ghalkemm fis-sentenza impunjata hemm indikat illi Camilla Scerri gharrfet lit-tlett imputati fir-raba proprjeta taghha, dan ma kienx minnu billi x-xhud kienet stqarret mod iehor. Kwindi fin-nuqqas ta' identifikazzjoni ta'l-imputati mill-kwerelanta bhala l-persuni li hija sabet jokkupaw l-art mertu tal-proceduri, l-Ewwel Qorti kellha tghaddi sabiex tillibera lill-imputati mill-akkuza tar-*ragion fattasi* migjuba fil-konfront taghhom.

Illi il-Qorti tistqarr minghajr tlaqliq li dana l-appell jisthoqq li jigi akkolt. Dan ghaliex kien jinkombi fuq il-Prosekuzzjoni u l-parti leza li iressqu provi lil hinn minn kull dubbju illi l-imputati kienu l-persuni li okkuppaw l-art proprjeta tal-kwerelanta u dana minghajr il-kunsens taghha u li ikkomettew l-azzjonijiet kollha spoljattivi indikati minnha fil-kwerela[1]. Illi ghalkemm l-Ewwel Qorti issostni fid-decizjoni impunjata illi l-kwerelanta kienet stqarret illi kienet gharrfet lit-tlett imputati bhala il-persuni li kienu qed jokkupaw l-art taghha, madanakollu meta hija imbaghad xehdet quddiem din il-Qorti stqarret illi meta hija accediet fir-raba taghha, sabet biss lill-imputat Jean Paul Azzopardi u kellmet lilu. Tistqarr illi huwa infurmaha illi dina

[1] Fil-kwerela hemm indikat illi l-akkuzati "okkupaw kmamar, installaw servizzi, bnew u okkupaw duri, wittew ix-xaghri b'terrapien u zrar sabiex jaghmlu mansab, ghalqu trejqiet ta' access b'cable tal-azzar, iddisponew minn u/jew ikkoncedew partijiet ohra mill-istess art daqslikieku kienet taghhom u xort'ohra impedew u ostakolaw lill-kwerelanti mill-taccedi ghall-istess proprjeta u tgawdi hwejjigha."

l-art kienet tappartjeni lilu u il-familja tieghu u kien minn hawnhekk allura illi hija irrikorriet ghand l-avukat taghha li minn naha tieghu ghadda sabiex iressaq il-kwerela relattiva lill-pulizija sabiex jittiehdu l-passi kriminali mehtiega. Illi allura ma hemm l-ebda prova in atti li remotament tindika illi l-appellanti kienu ikkommettew xi att estern li permezz tieghu huma spoljaw lill-kwerelanta mit-tgawdija tal-proprjeta taghha. Dan ifisser illi l-motivazzjonijiet li wasslet lill-Ewwel Qorti sabiex taghti ragun lill-kwerelanta, ghal ta'l-inqas fil-konfront taz-zewg appellanti Anthony u Marko Azzopardi kienet ibbazata fuq konsiderazzjonijiet zbaljati billi ma hemm l-ebda prova illi dawn it-tnejn minn nies ikkommettew xi att spoljattiv fil-konfront tal-parti leza. Illi l-Ewwel Qorti issostni:

*"Id-difiza qalet ukoll li l-imputata ma indikatx fl-awla li kienu l-imputati li kienu qed jahdmu u jgawdu r-raba' taghha u ghalhekk fin-nuqqas ta' tali identifiakzzjoni wkoll din il-Qorti ghandha tilliberahom. Hawnhekk ukoll il-Qorti ma taqbilx, bizzejjed issir referenza ghal-affidavits tal-pulizija esebiti fl-awla li jghidu li kienet il-kwerelanti li tathom informazzjoni dwar min kienu l-persuni li kienu fir-raba taghha ad insaputa taghha. Anke minn ezami tal-kwerela stess jirrizulta li kienet il-kwerelanta stess li indikat min kienu l-persuni li xtaqet tiehu passi fil-konfront taghhom."*

Illi bid-dovut rispett lejn l-Ewwel Qorti l-affidavit tal-pulizija li xehed fl-atti ma hu xejn hlief riproduzzjoni kelma b'kelma ta' kwerela mghoddija lilu mill-kwerelanti u ma hijiex ibbazat fuq xi investigazzjoni maghmula minnu. Il-fatt illi persuna taghmel rapport lill-pulizija illi hija vittma tar-reat ma huwiex sufficjenti sabiex jittiehdu passi kriminali fil-konfront tal-persuna indikata mill-parti leza minghajr ebda indagini ulterjuri u minghajr ma jigu stabbilit il-provi li *prima facie* ghal ta'l-inqas jindikaw illi dak l-allegat reat seta gie kommess. Illi ukoll ghalkemm il-pulizija jindika illi huwa kien kellem lill-appellanti Anthony Azzopardi[2] li allegatament ammetta mieghu illi kien hu li ikkometta l-azzjoni spoljattiva, madanakollu l-Qorti lanqas tista' taghti piz lil tali dikjarazzjoni meta ma hemmx indikat illi l-persuna li f'dak il-mument kellha titqies bhala l-persuna suspettata kienet giet moghtija id-

[2] Ara affidavit ta' PS1243 G. Polidano

debita twissija skont il-ligi. Kwindi kwalunkwe dikjarazzjoni li Azzopardi seta' ghamel meta gie mitkellem ser tigi ghal dawn il-motivi skartata.

Illi l-elementi tar-reat in dizamina gew magisterjalment migbura fid-definizzjoni analitika moghtija mill-Imhallef W. Harding fis-sentenza ta' din il-Qorti fil-kawza " Il-Pulizija vs. Giuseppe Bonavia et. " (App. Krim. 14.10.1944, Vol.XXXII - IV, p.768) bhala:

(1) att esterni li jispolja lil xi hadd iehor minn haga li jkun qieghed igawdi, liema att ikun ezegwit kontra l-opposizzjoni, espressa jew presunta, ta' dan il-hadd iehor;

(2) il-kredenza li l-att qieghed isir b'ezercizzju ta' dritt;

(3) il-koxjenza fl-agent li hu qieghed jaghmel '*di privato braccio*' dak li jmissu jsir per mezz ta' l-awtorita' pubblika; u

(4) in-nuqqas ta' titolu li jirrendi l-fatt aktar gravi[3].

Gie ritenut illi :

**"Element importanti kostituttiv ta' dar-reat hu dak intenzjonali fis-sens li l-agir ta' dak li jkun irid ikun maghmul bil-hsieb li hu qed jezercita dritt li jahseb li ghandu ghad-distinzjoni mir-reati ta' serq jew danni volontarji fuq proprjeta' ta' haddiehor per ezempju . Ghalhekk hemm bzonn li issir indagni fuq il-movent li jkun wassal lill-persuna li ikkommettiet dar-reat biex taghmel dak li ghamlet. L-element materjali invece jikkonsisti filli wiehed jippriva persuna ohra minn xi dritt fuq haga li ghandu id-dgawdija taghha.**[4]"

Fuq kollox:

**"L-Artikolu 85 huwa intiz biex dak li jkun ma jiehux il-ligi b'idejh, u ghalhekk l-iskop wara din id-disposizzjoni – bhad-disposizzjonijiet fil-kamp civili dwar l-actio spolii – huwa li tipprotegi l-*istatus quo*."**

[3] Il-Pulizija vs Mario Bezzina App.Krim 26/05/2004
[4] Il-Pulizija vs Eileen Said App.Krim 19/06/2002

Stabbilliti kwindi dawn il-fatti probatorji u elementi gurisprudenjzali u legali li isawwru ir-reat tar-*ragion fattasi*, ma hemmx dubbju illi l-ebda wahda mill-elementi indikati ma tinsab ippruvata fil-konfront taz-zewg appellanti odjerni. Din il-Qorti hija tal-fehma illi ma tezisti l-ebda prova in atti li tindika remotament illi fid-data indikata fl-akkuza jew f'xi granet qabel, l-appellanti flimkien mal-imputat l-iehor Jean Paul Azzopardi, ikkomettew ir-reat li dwaru huma jinsabu akkuzati billi ma hemm l-ebda xhud li jindika illi l-att materjali tar-reat gie kommess minnhom ukoll. Dan ghaliex il-kwerelanta stess fix-xhieda taghha quddiem il-Qorti tistqarr minghajr tlaqliq illi liz-zewg appellanti ma tafhomx u lanqas qatt kellmithom izda halliet f'idejn l-avukat taghha biex jiehu hsieb l-ilment taghha. L-avukat taghha minn naha tieghu qatt ma xehed sabiex jindika x'wasslu biex jindirizza l-kwerela mibghuta lill-pulizija fil-konfront ta'l-appellanti u kif huwa stabilixxa illi dawn kienu ikkomettew l-azzjonijiet kollha indikati minnu fil-kwerela flimkien ma' Jean Paul Azzopardi, li fil-konfront tieghu, illum is-sentenza ta'l-Ewwel Qorti ghaddiet in gudikat.

Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi milqugh, konsegwentement tirriforma is-sentenza appellata billi filwaqt li tikkonfermaha fejn din sabet htija fl-imputat Jean Paul Azzopardi u dan billi id-decizjoni impunjata ghaddiet in gudikat fil-konfront tieghu meta huwa irtira l-appell intavolat minnu, tirrevokaha fil-konfront taz-zewg appellanti Anthony Azzopardi u Marko Azzopardi u kwindi tghaddi sabiex tilliberahom mill-akkuza migjuba fil-konfront taghhom b'dan ovvjament illi id-drittijiet civili kollha tal-partijiet huma u jibqghu impregudikati bl-odjerna decizjoni.

(ft) Edwina Grima

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur